



FLUSNA

SKOPRI L-KARTA L-ĠDIDA TA' €10

www.karti-godda-tal-euro.eu
www.euro.ecb.europa.eu



BANK ĊENTRALI EWROPEW
EUROSISTEMA

DAFLA

Il-karta l-ġdida ta' €10 se tidħol fiċ-ċirkolazzjoni fiż-żona tal-euro mit-23 ta' Settembru 2014.

Din hija t-tieni karta tal-flus tas-sensjela Europa u b'hall-€5 se jkun fiha diversi karatteristiċi ta' sigurtà ġodda bil-ħsieb li t-334 miljun persuna li joqogħdu fiż-żona tal-euro jżommu l-fiduċja fi flushom.

Is-sensjela l-ġdida fiha xbieha ta' wiċċ Europa – figura tal-mitoloġija Griega u l-oriġini tal-isem tal-kontinent tagħna – fl-ologramma u fil-watermark. Barra minn hekk, b'hall-ewwel sensjela li ħarġet fl-2002 u li għadha fiċ-ċirkolazzjoni, is-sensjela l-ġdida turi stili arkitettoniċi minn perjodi differenti kif ukoll pontijiet u mappa tal-Ewropa, kollha simboli ta' munita li tnissel l-għaqda fost in-nies. Tmintax-il pajjiż fl-Unjoni Ewropea b'ħalissa qegħdin jużaw l-euro.

Hawn aktar minn 15-il biljun karta tal-euro fiċ-ċirkolazzjoni b'valur nominali totali ta' iktar minn €900 biljun. L-aġġornament tal-karti tal-flus jieħu bosta ħin u sforzi, u jfisser investiment qawwi biex tinżamm il-fiduċja tal-pubbliku fil-munita. Biex il-flus ikunu iktar reżistenti għall-falsifikazzjoni, il-Bank Ċentrali Ewropew u l-banek ċentrali nazzjonali investew f'teknoloġiji ġodda biex il-karti jkunu jifilħu aktar għall-użu u jservu għal żmien itwal, u biex il-karatteristiċi ta' sigurtà tagħhom ikunu aktar moderni. Barra x-xbieha ta' wiċċ Europa fl-ologramma u fil-watermark, meta tmejjel il-karti tal-flus tara numru aħdar żmerald li jibdel il-kulur għal blu skur.

Maż-żmien, l-Eurosistema – il-Bank Ċentrali Ewropew u l-banek ċentrali nazzjonali taż-żona tal-euro – f'it f'it se tibdel il-karti tal-euro kollha. L-ewwel karta tal-flus tas-sensjela l-ġdida – il-€5 – ħarġet fit-2 ta' Mejju 2013. Il-karta l-ġdida tal-€10 ġiet ippreżentata lill-pubbliku għall-ewwel darba fil-Bank Ċentrali Ewropew fit-13 ta' Jannar 2014 minn Yves Mersch, membru tal-Bord Eżekuttiv tal-Bank Ċentrali Ewropew.

Tagħrif dettaljat dwar il-karti kollha tal-euro jinsab fil-websajt www.karti-godda-tal-euro.eu.

Għal aktar tagħrif tista' tikkuntattja lill-uffiċċji stampa tal-Bank Ċentrali Ewropew u l-banek ċentrali nazzjonali tal-Eurosistema.



IL-WIĊĊ ĠDID TAL-EURO

Il-karti tal-flus il-ġodda tal-euro jinkorporaw karatteristiċi ta' sigurtà li jirriflettaw l-progress li sar fis-sigurtà u t-teknoloġija tal-karti tal-flus. Huma magħrufa bħala s-sensiela Europa minħabba li wiċċ Europa – il-figura tal-mitoloġija Griega li minnha ħa ismu l-kontinent tagħna – jidher fl-ologramma u fil-watermark tal-karti tal-flus.

Id-dħul tal-€10 il-ġdida fit-23 ta' Settembru 2014 huwa parti mill-iżvilupp kontinwu biex tiżdied is-sigurtà tal-karti tal-euro. Il-banek ċentrali tal-Eurosistema għandhom id-dmir li jħarsu l-integrità tal-karti tal-euro billi minn żmien għal żmien jaġġornaw u jtejbaw l-karatteristiċi ta' sigurtà tagħhom. Il-karti tal-flus tas-sensiela Europa ta' denominazzjoni żgħira se jkunu jifilħu aktar għall-użu minħabba li għandhom kisja protettiva. Dan ifisser li mhumiex se jkollhom għalfejn jinbidlu daqshekk spiss u b'hekk għandhom jonqsu l-ispejjeż u l-impatt fuq l-ambjent.

Is-sensiela l-ġdida tal-karti tal-flus qiegħda tidħol skont id-denominazzjoni, mill-iżgħar sal-ikbar waħda, u għalhekk wara l-€10 ikun imissha tidħol l-€20. Is-sensiela Europa se jkollha l-istess denominazzjonijiet bħall-ewwel sensiela: €5, €10, €20, €50, €100, €200 u €500.




Il-karti l-ġodda tal-euro se jżommu d-disinn “żminijiet u stili” tal-ewwel sensiela u juru l-istess kuluri dominanti, iżda sarilhom tibdil minimu meħtieġ biex jilqgħu l-karatteristiċi ġodda ta' sigurtà. Għalhekk se jkunu jintgħarfu faċilment mill-karti tal-flus tal-ewwel sensiela. Reinhold Gerstetter, disinjatur indipendenti tal-karti tal-flus minn Berlin, intgħażel biex jagħti dehra ġdida lid-disinn tal-karti tal-euro. Dan sar biex jiġu inklużi l-pajjiżi li ssieħbu fl-Unjoni Ewropea mill-2002 'l hawn. Hekk, il-mappa tal-Ewropa issa turi lil Malta u Ċipru, il-kelma “euro” hija miktuba bl-alfabett Ċirilliku wkoll minbarra bl-alfabett Latin u Grieg, u l-inizjali tal-Bank Ċentrali Ewropew jidhru b'disa' varjanti lingwistiċi minflok b'ħamsa.

IL-KARTA L-ĠDIDA TA' €10

Mhijiex diffiċli ssib il-karatteristiċi ta' sigurtà l-ġodda tas-sensiela Europa fuq il-karti tal-flus.

Sensiela Europa, €10, quddiem




Sensiela Europa, €10, wara



IL-KARTA TA' €10 TAL-EWWEL SENSIELA

L-ewwel sensiela, €10, quddiem



L-ewwel sensiela, €10, wara



Għal dawk li għandhom interess leġittimu li jirriproduċu xbihat tal-karti tal-euro, il-Bank Ċentrali Ewropew ipproduċa xbihat diġitali li ma jinqabdux mis-CDS¹ (300 dpi; format TIFF u mmarkati "specimen") u jistgħu jiġu riprodotti. L-utenti jista' jkollhom aċċess għal dawn ix-xbihat sakemm jużawhom għal skopijiet professjonali, ikollhom kompjuter personali jew softwer għar-riproduzzjoni ta' xbihat diġitali bis-CDS, u jiffirmaw dikjarazzjoni ta' kunfidenzjalità. Jekk int interessat, tista' tibgħat email lil info@ecb.europa.eu biex tikseb id-dikjarazzjoni ta' kunfidenzjalità.

¹ Il-Counterfeit Deterrence System (CDS) hija sistema li ma tħallix il-kompjuters u s-software għar-riproduzzjoni ta' xbihat diġitali jikkupjaw ix-xbihat ta' karti tal-flus li jkunu protetti minnha. Din is-sistema għet żviluppata mis-Central Bank Counterfeit Deterrence Group, grupp internazzjonali magħmul minn 32 bank ċentrali.

FAĊLI TIĊĊEKKJAHA

Bħal fil-każ tal-ewwel sensiela tal-karti tal-euro, faċli tiċċekkja s-sensiela l-ġdida Europa bil-metodu "ĦOSS, ĦARES u MEJJEL". M'għandek bżonn ebda apparat u mill-ewwel tagħraf x'hemm ġdid fil-karatteristiċi ta' sigurtà mfissra hawn taħt.

1 ĦOSS

Kif tinħass il-karta – Ħoss il-karta tal-flus. Għandha tkun tqarqaċ u soda.

Stampar imqabbeż – Ix-xbieha ewlenija, l-ittri u ċ-ċifra l-kbira tal-valur jinħassu eħxen.

> X'hemm ġdid

Hemm sensiela ta' linji qosra mqabbżin mat-truf tax-xellug u tal-lemin.



2 ĦARES

Watermark – Ħares lejn il-karta tal-flus kontra d-dawl. Tidher xbieha mitfija li turi ċ-ċifra tal-valur tal-karta tal-flus u tieqa.

> X'hemm ġdid – Watermark bil-wiċċ


Tidher xbieha ta' wiċċ Europa.



Fil ta' sigurtà – Ħares lejn il-karta tal-flus kontra d-dawl. Il-fil ta' sigurtà jidher bħala linja skura u fiha tista' tara ċ-ċifra tal-valur tal-karta tal-flus b'ittri bojod żgħar.

> X'hemm ġdid

Tista' tara s-simbolu tal-€ fuq il-fil ta' sigurtà.



3 MEJJEL

Ologramma – Mejjel il-karta tal-flus. L-istrizza lewn il-fidda fuq il-lemin turi ċ-ċifra tal-valur tal-karta tal-flus u s-simbolu tal-€.

> X'hemm ġdid – Ologramma bil-wiċċ

Jidhru xbieha ta' wiċċ Europa u tieqa.




> X'hemm ġdid – Numru aħdar żmerald

Mejjel il-karta tal-flus. In-numru jleqq fir-rokna t'isfel tax-xellug juri effett bid-dawl li jidher miexi 'l fuq u 'l isfel. In-numru jibdel il-kulur ukoll minn aħdar żmerald għal blu skur.



KAMPANJA TA' INFORMAZZJONI DWAR L-EURO



Il-karatteristiċi ta' sigurtà l-ġodda jkunu effettivi biss jekk il-pubbliku jagħrafhom faċilment. Għalhekk fl-2014 l-Eurosistema se tagħmel kampanja ta' informazzjoni dwar is-sensjela Europa fiż-żona tal-euro kollha.

Għal aktar tagħrif ara l-websajt www.karti-godda-tal-euro.eu.



> Kronoloġija tal-karta l-ġdida ta' €10:

26 ta' Novembru 2013	Ftuħ tal-Programm ta' Sħubija maħsub għall-manifatturi u l-fornituri ta' apparat li jimmaniġġa l-karti tal-flus
16 ta' Diċembru 2013	Min jidħol fil-websajt dwar il-karti tal-euro jista' jilgħab u jiskopri l-karatteristiċi ta' sigurtà tal-€10 il-ġdida
13 ta' Jannar 2014	Preżentazzjoni tal-€10 il-ġdida fil-Bank Ċentrali Ewropew, Frankfurt am Main, aġġornament tal-websajt dwar il-karti tal-euro, tal-Akkademja tal-Euro (Euro Cash Academy) u ta' applikazzjonijiet oħra relatati
15 ta' Jannar – 31 ta' Marzu 2014	Wirja dwar l-Euro f'Saarbrücken, f'dejn il-fruntiera bejn Franza u l-Ġermanja, fejn il-karta l-ġdida tal-€10 se tintwera fil-pubbliku għall-ewwel darba
April 2014	Il-banek ċentrali nazzjonali jibagħtu pubblikazzjonijiet dwar l-€10 il-ġdida lill-banek kummerċjali, il-korpi tal-pulizija, il-kmamar tal-kummerċ, il-federazzjonijiet professjonali, u entitajiet oħra
Ġunju 2014	Fuljetti dwar l-€10 il-ġdida jintbagħtu fi 3 miljun post tal-bejgħ fiż-żona tal-euro, flimkien ma' twissija biex l-apparat li jimmaniġġa l-karti tal-flus jiġi adattat għall-karti tal-flus il-ġodda
1 ta' Settembru 2014	Il-filmat li jurik kif tiċċekkja l-€10 il-ġdida se jittella' fil-paġna tal-BĊE f'YouTube
23 ta' Settembru 2014	Frug tal-€10 il-ġdida

IS-SENSIELA EUROPA

> Ħarsa mill-qrib lejn Europa

L-uċuħ dejjem intużaw tradizzjonalment fuq il-karti tal-flus fid-dinja kollha u l-istudji u r-riċerka li saru juru li n-nies x'aktarx jagħrfu l-uċuħ bla tbatija. L-Eurosistema għażlet li tqiegħed xbieha ta' wiċċ Europa fil-watermark u fl-oologramma tas-sensjela l-ġdida ta' karti tal-euro. Europa hija figura tal-mitoloġija Griega. Il-wiċċ ittieħed minn vażun li jinsab fil-Louvre f'Pariġi. Il-vażun instab fl-Italja tan-Nofsinhar u għandu aktar minn 2,000 sena. Dan il-wiċċ intgħażel minħabba li għandu rabta ċara mal-kontinent tal-Ewropa u wkoll jagħti laqta umana lill-karti tal-flus.



> Punti ewlenin

- > Il-karti l-ġodda tal-euro se jidħlu f'tit f'tit fis-snin li ġejjin, jibdwu mill-iżgħar denominazzjoni u jibqgħu telgħin sal-ikbar waħda. Il-€5 daħlet fiċ-ċirkolazzjoni fl-2013 u warajha ħierġa l-€10 il-ġdida f'Settembru 2014. Id-denominazzjonijiet baqgħu l-istess: €5, €10, €20, €50, €100, €200 u €500.
- > Id-dati eżatti ta' meta se joħorġu d-denominazzjonijiet l-oħra jiġu deċiżi maż-żmien u jiġi ttabbru lil dawk li jaħdmu bil-flus kontanti u lill-pubbliku aktar 'il quddiem.
- > Il-manufatturi u l-fornituri tal-apparat li jimmaniġġa l-karti tal-flus ġew involuti fl-iżvilupp tas-sensjela Europa biex ikunu jistgħu jħejju ruħhom għad-dħul tal-karti tal-flus il-ġodda.
- > Is-sensjela l-ġdida fiha karatteristiċi ta' sigurtà ġodda li joffru aktar ħarsien kontra l-falsifikazzjoni.
- > Biex jintużaw il-ħażniet li fadal, fix-xhur li ġejjin il-karti ta' €10 tal-ewwel sensjela se jibqgħu joħorġu flimkien mal-karti l-ġodda ta' €10. F'kull każ, id-denominazzjonijiet kollha taż-żewġ sensiliet se jkomplu jiċċirkolaw flimkien sakemm il-karti tal-ewwel sensjela jibqgħu tajbin għall-użu.
- > Id-data meta l-ewwel sensjela ta' karti tal-euro ma tibqax valuta legali tiġi ttabbar minn żmien sew qabel. Madankollu, il-karti tal-flus tal-ewwel sensjela se jibqgħu jżommu l-valur tagħhom u jistgħu jissarrfu fil-banek ċentrali nazzjonali tal-Eurosistema sa żmien indefinit.

> Adattati għal persuni neqsin mid-dawl

Kien hemm kooperazzjoni ma' persuni neqsin mid-dawl waqt il-fażi tad-disinn tas-sensjela Europa biex jiġu inklużi karatteristiċi li jippermettulhom jimmaniġġaw il-karti tal-flus b'ċerta kunfidenza. Akbar ma huwa l-valur tal-karta tal-flus, akbar huwa d-daqs tagħha sabiex persuni għomja jkunu jistgħu jorganizzaw il-kartieri u l-portmonijiet tagħhom skont xewqithom. Ta' għajruna wkoll huma l-linji qosra mqabbżin li jinsabu mat-truf tal-karti tal-flus tas-sensjela Europa. Iċ-ċifra tal-valur f'din is-sensjela hija stampata b'tipa kbira u grassa filwaqt li fuq in-naħa ta' quddiem iċ-ċifra hija mqabbża biex tkun tista' tinħass faċilment. Il-kuluri dominanti tal-karti tal-ewwel sensjela se jinżammu għas-sensjela Europa iżda se jkunu iktar jgħajtu biex id-denominazzjonijiet jingħarfu bejniethom bla tbatija.

IL-ĠLIEDA KONTRA L-FALSIFIKAZZJONI


> Ġlida effikaċi kontra l-falsifikazzjoni

L-Eurosistema tinvesti sforz konsiderevoli biex tiżgura li l-pubbliku u l-professionisti li jaħdmu bil-flus kontanti jkunu infurmati tajjeb dwar kif jagħrfu karta tal-flus falza. L-Eurosistema tara wkoll li l-apparat li jimmaniġġa u jipproċessa l-karti tal-flus ikun kapaċi jidentifika u jneħħi miċ-ċirkolazzjoni l-karti tal-flus foloz.

Fl-ewwel nofs tal-2013 tneħħa total ta' 317,000 karta falza tal-euro miċ-ċirkolazzjoni. Meta jitqabbel mal-ġhadd tal-karti tal-flus tajbin fiċ-ċirkolazzjoni f'dak il-perjodu (15.1 biljun) il-proporzjon tal-karti tal-flus foloz huwa żgħir ħafna.

Minkejja li l-ġhadd attwali ta' karti tal-flus foloz mhuwiex ta' theddida, il-Bank Ċentrali Ewropew u l-banek ċentrali nazzjonali jridu joqogħdu attenti biex jaraw li l-karti tal-flus tagħhom ikunu kemm jista' jkun reżistenti għall-falsifikazzjoni.

Il-Bank Ċentrali Ewropew jikkoopera mill-qrib ukoll mal-Kummissjoni Ewropea (li hija responsabbli għat-tagħrif dwar il-falsifikazzjoni tal-muniti tal-euro) kif ukoll mal-Europol, l-Interpol u l-korpi nazzjonali tal-pulizija. Sura oħra ta' difiża kontra l-falsifikazzjoni hija li l-pubbliku jkun mgħarraf tajjeb dwar il-karatteristiċi ta' sigurtà.



PROGRAMM TA' SĦUBIJA ADATTAMENT TAL-MAGNI

Ftit wara li daħlet fiċ-ċirkolazzjoni l-€5 il-ġdida, kien hemm rapporti fil-mezzi tax-xandir li xi magni li jbigħu l-biljetti u l-prodotti kif ukoll xi apparat li jintuża għall-awtentikazzjoni tal-karti tal-flus ma kinux qegħdin jaċċettaw il-karta l-ġdida.

Biex kull min għandu x'jaqsam ikollu aktar informazzjoni u biex jiġi żgurat li l-apparat kollu li jimmaniġġa l-karti tal-flus fiż-żona tal-euro jkun laħaq sarlu t-tibdil meħtieġ, ġie ppreżentat Programm ta' Sħubija f'seminar tal-Eurosistema li sar fi Brussell fis-26 ta' Novembru 2013.

Il-programm joffri lill-manifatturi u l-fornituri ta' apparat li jimmaniġġa l-karti tal-flus, kif ukoll lill-klijenti u l-utenti, firxa wiesgħa ta' għodod u materjal edukattiv, il-biċċa l-kbira minnhom bil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Permezz tal-Programm ta' Sħubija, il-Bank Ċentrali Ewropew u l-banek ċentrali nazzjonali se:

- joħorġu tagħrif dwar il-ħtieġa li l-apparat li jimmaniġġa u jivverifika l-karti tal-flus jiġi adattat għall-karti tal-flus il-ġodda;
- jorganizzaw sensiela ta' avvenimenti u attivitajiet li jwasslu għall-preżentazzjoni tal-€10 il-ġdida;
- jipprovdu materjal diġitali, awdjoviżiv u stampat dwar il-karti tal-flus il-ġodda bi 22 lingwa uffiċjali tal-Unjoni Ewropea sabiex jassistu lill-imsejbin fil-programm meta jiġu biex jikkomunikaw mal-gruppi interessati.

Permezz tal-programm, l-imsejbin se jkun qerti li l-apparat tagħhom jaċċetta l-karti tal-flus il-ġodda tas-sensiela Europa malli joħorġu, ikun meta jkun. Il-manifatturi u l-bejjieġha tal-apparat li jimmaniġġa l-karti tal-flus huma mistennija jibdew iqassmu l-materjal b'taġħrif u jħejju għall-adattament mill-iktar fis possibbli.

Min juża dan l-apparat għandu jikkuntattja lill-fornituri jew manifatturi sabiex jibdew iħejju l-magni tagħhom għall-adattament. Jekk ikun qegħdin jaħsbu biex jixtru xi apparat li jimmaniġġa u/jew jivverifika l-karti tal-flus, għandhom jiċċekkjaw mal-fornituri li dan ikun jista' jiġi adattat biex jaċċetta l-karti tal-flus il-ġodda.


Il-Bank Ċentrali Ewropew u l-banek ċentrali nazzjonali tal-Eurosistema se jikkooperaw mill-qrib mal-imsejbin irreġistrati fil-programm kif ukoll ma' partijiet oħra interessati biex jgħinu u iħejju ruħhom għal meta jidhru l-karti tal-flus il-ġodda.

B'mod partikolari, se jisilfu karti ġodda tal-€10, wara l-okkażjoni tal-preżentazzjoni, lill-imsejbin fil-programm u partijiet oħra interessati biex l-apparat ikun jista' jiġi ttestjat u adattat bla xkiel.

Fil-websajt tal-BĊE jinsabu listi (<http://www.ecb.europa.eu/euro/cashprof/cashhand/recycling/html/tested.mt.html>) tal-apparat li jimmaniġġa u jivverifika l-karti tal-flus li ġie ttestjat mill-banek ċentrali tal-Eurosistema u li ġie adattat biex jaċċetta l-karta l-ġdida ta' €5. Wara li l-apparat ikun ġie ttestjat mill-banek ċentrali tal-Eurosistema, fl-2014 se jiġu ppubblikati fl-istess websajt listi simili għall-karta l-ġdida ta' €10.



KRONOLOĠIJA TAL-PROGRAMM TA' SĦUBIJA



UFFIĊĊJI STAMPA TAL-EUROSISTEMA



EUROPEAN CENTRAL BANK
EUROSYSTEM

European Central Bank | Directorate General Communications and Language Services | Kaiserstrasse 29 | 60311 Frankfurt am Main | Germany
Tel.: +49 69 1344 7455 | Fax: +49 69 1344 7401 | E-mail: info@ecb.europa.eu | www.new-euro-banknotes.eu | www.ecb.europa.eu



Kristin Bosman
Porte-parole / Woordvoester
Bld de Berlaimont 14
1000 Bruxelles / Brussel
Belgique / België
Tél / Tel.: +32 2 221 46 28
Télécopie / Fax: +32 2 221 31 60
Courriel / E-mail: pressoffice@nbb.be
Internet: www.nbb.be



Olivier Aubry
Chef du service de presse
48 rue Croix-des-Petits-Champs
75001 Paris
France
Tél.: +33 1 42 92 39 29
Télécopie: +33 1 42 92 39 41
Courriel: Olivier.AUBRY@banque-france.fr
Internet: www.banque-france.fr



Herman Lutke Schipholt
Persvoorlichter
Westeinde 1
1017 ZN Amsterdam
Nederland
Tel.: +31 20 524 2712
Mobiel: +31 6 5249 6900
E-mail: h.j.lutke.schipholt@dnb.nl
Internet: www.dnb.nl



Zentralbereich Kommunikation
Pressestelle
Wilhelm-Epstein-Straße 14
60431 Frankfurt am Main
Deutschland
Tel.: +49 69 9566 3511
Fax: +49 69 9566 3077
E-Mail: presse@bundesbank.de
Internet: www.bundesbank.de



Paola Ansuini
Responsabile della Comunicazione
Via Nazionale 91
00184 Roma
Italia
Tel.: +39 06 4792 3969
Fax: +39 06 4792 2253
E-mail: stampabi@bancaditalia.it
Sito Internet: www.bancaditalia.it



Christian Gutleiderer
Pressesprecher
Otto-Wagner-Platz 3
1090 Wien
Österreich
Tel.: +43 1 404 20 6900
Fax: +43 1 403 17 44
E-Mail: christian.gutleiderer@oenb.at
Internet: www.oenb.at



Avalike suhete allosakond
Estonia pst 13
15095 Tallinn
Eesti
Tel: +372 668 0965, +372 668 0745
Faks: +372 668 0954
E-post: press@eestipank.ee
www.eestipank.ee



Γραφείο Τύπου
Κεντρική Τράπεζα της Κύπρου
Λεωφόρος Κένεντυ 80
1076 Λευκωσία
Κύπρος
Τηλ: +357 22714465, +357 22714503
Φαξ: +357 22378151
E-mail: pressoffice@centralbank.gov.cy
Internet: www.centralbank.gov.cy



Banco de Portugal
EUROSISTEMA

Gabinete de Comunicação Institucional
Rua do Comércio, 148
1100-150 Lisboa
Portugal
Tel.: +351 213 215 358
Fax: +351 213 464 843
Correio eletrónico: press@bportugal.pt
Internet: www.bportugal.pt



Banc Ceannais na hÉireann
Central Bank of Ireland
Eurosystem

Press office
PO Box 559
Dame Street
Dublin 2
Ireland
Tel.: +353 1 224 6299
E-mail: press@centralbank.ie
Internet: www.centralbank.ie



Mārtiņš Grāvis
Preses sekretārs
K. Valdemara ielā 2A, Rīgā
LV-1050
Tālrunis: +371 670 22 349
E-pasts: presesdienests@bank.lv
Interneta vietne: www.bank.lv



Public relations
Slovenska 35
1505 Ljubljana
Slovenija
Tel.: +386 1 47 19 153, +386 1 47 19 777
Faks: +386 1 47 19 724
E-pošta: pr@bsi.si
Internet: www.bsi.si



ΤΡΑΠΕΖΑ ΤΗΣ ΕΛΛΑΔΟΣ
ΕΥΡΟΣΥΣΤΗΜΑ

Υπηρεσία Τύπου
Ελ. Βενιζέλου 21
102 50 Αθήνα
Ελλάδα
Τηλ: +30 210 320 3447
Φαξ: +30 210 320 3922
E-mail: press@bankofgreece.gr
Internet: www.bankofgreece.gr



Marc Konsbruck
Communication Officer
2, boulevard Royal
L-2983 Luxembourg
Tél.: +352 4774 4265
Télécopie: +352 4774 4910
Courriel: info@bcl.lu
Internet: www.bcl.lu



NÁRODNÁ BANKA SLOVENSKA
EUROSISTÉM

Tlačové a edičné oddelenie
Imricha Karvaša 1
813 25 Bratislava
Slovenská republika
Tel.: +421 2 5787 2161
Fax: +421 2 5787 1128
E-mail: press@nbs.sk
Internet: www.nbs.sk

BANCODE ESPAÑA
Eurosystem

Ricardo Fernández
Jefe de la División de Relaciones con los Medios y Documentación
Alcalá, 48
E-28014 Madrid
España
Tel.: +34 91 338 5044
Fax: +34 91 338 5203
Correo electrónico: comunicacion@bde.es
Internet: www.bde.es



BANK ĊENTRALI TA' MALTA
CENTRAL BANK OF MALTA

Clive Bartolo
Uffiċjal Ewlini għall-Komunikazzjoni
Piazza Kastilja
Valletta VLT 1060
Malta
Tel.: +356 2550 3104 / 5
Fax: +356 2550 4950
E-mail: publicrelations@centralbankmalta.org
Internet: www.centralbankmalta.org



Richard Brander
Tiedottaja / Informatör
Snellmaninaukio / Snellmansplatsen
PL 160 / PB 160
00101 Helsinki / Helsingfors
Suomi / Finland
Puhelin / Telefon: +358 10 831 2206
Sähköposti / Kontakt: Richard.Brander@bof.fi
Internet: www.suomenpankki.fi / www.finlandsbank.fi

www.karti-godda-tal-euro.eu
www.euro.ecb.europa.eu



ЕВРОПЕЙСКА ЦЕНТРАЛНА БАНКА	BANQUE CENTRALE EUROPÉENNE	EUROPESE CENTRALE BANK
BANCO CENTRAL EUROPEO	AN BANC CEANNAIS EORPACH	EUROPEJSKI BANK CENTRALNY
EVROPSKÁ CENTRÁLNÍ BANKA	EUROPSKA SREDIŠNJA BANKA	BANCO CENTRAL EUROPEU
DEN EUROPÆISKE CENTRALBANK	BANCA CENTRALE EUROPEA	BANCA CENTRALĂ EUROPEANĂ
EUROPÄISCHE ZENTRALBANK	EIROPAS CENTRĀLĀ BANKA	EURÓPSKA CENTRÁLNA BANKA
EUROOPA KESK PANK	EUROPOS CENTRINIS BANKAS	EVROPSKA CENTRALNA BANKA
ΕΥΡΩΠΑΪΚΗ ΚΕΝΤΡΙΚΗ ΤΡΑΠΕΖΑ	EURÓPAI KÖZPONTI BANK	EUROOPAN KESKUSPANKKI
EUROPEAN CENTRAL BANK	BANK ĊENTRALI EWROPEW	EUROPEISKA CENTRALBANKEN

EUROSYSTEM